WYD LISBON 2023

# IT-TRIQ TAS-SALIB



mcyn
malta catholic youth network

kdżg

# STEDINA

Hemm diversi modi t'espressjoni tul il-vjaġġ tas-salib. Dan il-ktejjeb hu sempliċiment gwida għalik biex timxi dan il-vjaġġ mhux biss b'mod estern, imma wkoll b'mod interjuri.

Għaldaqstant, l-istedina tagħna hija biex għal kull stazzjon:

- nisimgħu l-Kelma t'Alla;
- nirriflettu fuq dawn ir-rakkonti li ġraw verament;
- nagħrfu li ħafna minn ħutna għadhom iġarrbu ħafna tbatija innoċentament;
- nagħrfu li aħna parti integri minn dan il-vjaġġ ta' Ġesù;
- nitolbu lil Marija takkumpanjana.



# L-AĦĦAR IKLA MAD-DIXXIPLI



Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew** *Huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobż f'idejh,* qal il-barka, qasmu, *newlu lid-dixxipli u qal: "Ħudu, kulu, dan hu ġismi". Imbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newlilhom il-kalċi u qal: "Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet".*

**Riflessjoni:** Ġesù, fil-bidu ta' dan il-vjaġġ, li minkejja minjaf kemm ġarrab ħsibijiet għal dak li kien se jgħaddi minnu, jagħżel li jqatta' l-aħħar ħinijiet mal-appostli f'xi ħaġa tant intima: ikla. F'dawn il-kliem li aħna tant imdorrijin nisimgħu fil-quddies, nilmħu lil Ġesù b'rieda li jingħata għalina b'mod sħiħ. Jien, meta mjassar fil-vjaġġ tal-ħajja, qed inħalli lili nnifsi niġi kkunsmat mill-ħsibijiet, jew qed ninfetaħ għall-intimità mal-oħrajn?

**Talba:** O Marija, inti wkoll meta ġejt mogħtija l-aħbar tat-tqala, li tant setgħet iġġib riperkussjonijiet f'ħajtek, għażilt li tqum u tħaffef lejn il-bżonnijiet t'Eliżabetta. Nitolbuk tgħinna biex aħna wkoll bħalek u bħal ibnek ninfetħu għal ħbiebna.

*(Missierna, Sliema u Glorja.)*

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# ĠESÙ JITLOB FIL-ĠNIEN TAŻ-ŻEBBUĠ



Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Vanġelu skont San Mattew** *Imbagħad Ġesù flimkien wasal f'qasam, jgħidulu l-Ġetsemani, u qal lid-dixxipli: "Oqogħdu bilqiegħda hawn sakemm immur hemmhekk nitlob". U ħa miegħu lil Pietru u ż-żewġ ulied ta' Żebedew, u beda jsewwed qalbu u jiddejjaq. Imbagħad qalilhom: "Għandi ruħi mnikkta għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru miegħi".*

**Riflessjoni:** Dan huwa rakkont uniku li fih naraw lil Ġesù b'mod umli jfittex il-kumpann ta' ħbiebu, iżda ma sabux. Sab biss tilqgħu is-solitudni: pjaga li għadha tidwi mal-ġenerazzjonijiet tagħna. Jien umli biżżejjed biex infittex il-kumpann ta' ħaddieħor? Ħaddieħor qed isib kumpann fija?

**Talba:** O Marija, minjaf kemm kont tħaffef li kieku Ġesù talab lilek għal ftit wens quddiem dal-mument tant emottiv. Nitolbuk titlob għalina, biex meta ħbiebna jsejħulna biex nagħtuhom il-faraġ tagħna, nimtlew bl-istess ħeġġa tiegħek, u fil-proxxmu nagħrfu li huwa Ġesù li qed isejħilna.

*(Missierna, Sliema u Glorja.)*

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# ĠESÙ TRADUT MINN WIEĦED MINN TIEGĦU



Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Vanġelu skont San Mattew** *Kif kien għadu jitkellem, ġie Ġuda, wieħed mit-Tnax, b'ġemgħa kbira ta' nies miegħu, armati bis-sjuf u l-bsaten, mibgħuta mill-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu. Issa dak li kien se jittradih kien tahom sinjal u qalilhom: "Lil dak li nbus, dak hu: aqbduh". U minnufi h resaq fuq Ġesù u qallu: "Is-sliem għalik, Rabbi!". U biesu.*

**Riflessjoni:** Ġuda, wieħed minn dawk ta' ġewwa, jagħżel bewsa - lingwaġġ ta' mħabba - biex jitradixxi lil Ġesù, minkejja tant esperjenzi li ġarrbu flimkien. Jien b'liema mod nesprimi l-lingwaġġ tal-imħabba tiegħi? Bi skop biex nakkwista jew biex ningħata għall-oħrajn?

**Talba:** O Marija, minjaf kemm bħala omm esprimejt l-imħabba tiegħek lejn Ġesù b'ħafna tgħanniq u lingwaġġi oħra. Nitolbuk tgħinna biex quddiem l-opportunità li ningħataw, ma nfittxux il-gwadann tagħna, imma verament inħabirku għall-interess ta' dawk li niltaqgħu magħhom. Sellifna għajnejk biex nilmħu l-bżonnijiet ta' ħutna fil-bżonn tal-imħabba.

(*Missierna, Sliema u Glorja.*)

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# IV ĠESÙ KKUNDANNAT GĦALL-MEWT



Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Vanġelu skont San Ġwann** *Pilatu qal lil-Lhud: "Araw is-sultan tagħkom!". Dawk infexxew jgħajtu: "Għall-mewt! Għall-mewt! Sallbu!". Pilatu qalilhom: "Jien se nsallab lis-sultan tagħkom?". Imma l-qassisin il-kbar weġbuh: "Aħna ma għandniex sultan ħlief lil Ċesari!". Fl-aħħar tahulhom f'idejhom biex isallbuh.*

**Riflessjoni:** Minjaf kemm nies mill-folla li għajtet "sallbu", raw xi sinjal jew semgħu xi tagħlim ta' Ġesù tul il-ministeru tiegħu. Madankollu, fil-mument tal-prova, quddiem din id-disponibbiltà ta' mħabba, il-poplu jagħżel li ma jirreċiprokax imħabbtu lejn Ġesù. Quddiem dan ix-xenarju t-toroq huma tnejn: l-għotja tal-imħabba, jew il-gwadann temoranju li xi jispiċċa ma' din il-ħajja. Jien fiċ-ċirkustanzi li għaddej minnhom bħalissa, x'qed infittex?

**Talba:** O Marija, inti għidt lill-Anġlu biex ikun minnek skont kelmet Alla. Biss, din ma kinitx talba ta' darba. Fuq kollox kien stil ta' ħajja. Nitolbuk tgħinna biex fl-istili ta' ħajja tagħna nħabirku biex f'dak kollu li nagħmlu jsir minna skont Kelmet il-Mulej. Ħeġġiġna biex f'kollox infittxu l-ħajja.

(*Missierna, Sliema u Glorja.*)

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# V ĠESÙ JILTAQA' M' OMMU



Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Vanġelu skont San Mattew** *Meta miet Erodi, deher l-anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi fl-Eġittu u qallu: "Qum, ħu miegħek it-tifel u 'l ommu, u erġa' lura lejn l-art ta' Iżrael, għax mietu dawk li kienu jfittxu l-ħajja tat-tifel." Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u 'l ommu, u mar fl-art ta' Iżrael.*

**Riflessjoni:** Ġesù, f'kuntrast mal-episodju tal-qari, issa jinsab fit-triq tas-salib jinsab mingħajr wisq protezzjoni. Imma l-ħarsa ta' Marija baqgħet miegħu. Miegħu f'kull mument. Fit-tlajja' u fl-inżul. Għajnejja fejn jissammru fit-triq tas-salib tiegħi?

**Talba:** O Marija, minjaf x'weġġgħa ġarrabt xħin għajnejk iltaqgħu ma' t'ibnek f'tant agunija fit-triq tas-salib. Madankollu, ta' omm tajba li int, quddiem it-tbatija ma taħrabx, anzi takkumpanja lil Ġesù bil-preżenza tiegħek. Nitolbuk takkumpanjana fit-toroq tal-ħajja tagħna u tgħinna biex fil-mumenti tal-prova, għajnejna wkoll jissammru fuq ibnek Ġesù.

*(Missierna, Sliema u Glorja.)*

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**



# VI | ĠESÙ JAQA' TAĦT IS-SALIB

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk,
**għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Vanġelu skont San Ġwann**
*Fl-aħħar [Pilatu] tahulhom f'idejhom biex isallbuh. U huma ħadu lil Ġesù. Ġesù rafa' s-salib u ħareġ lejn post imsejjaħ "il-Qorriegħa", bil-Lhudi Golgota.*

**Riflessjoni:** Wara ħafna mumenti ta' sofferenza, jasal mument fejn is-saħħa fiżika ta' Ġesù ma tiflaħx it-toqol tas-salib. Minjaf kemm mumenti ġarrabna toqol simili li ħassejna li ma nifilħux għalih. Mhux neċessarjament toqol fiżiku, imma forsi toqol emozzjonali jew li għandu x'jaqsam ma' relazzjonijiet. Minjaf kemm nies madwarna fetħu qalbhom magħna li għaddejjin minn sitwazzjonijiet simili. Esperjenzi bħal dawn mhumiex aljeni għal Ġesù. Esperjenzahom hu f'ħajtu, u jixtieq jistiednek biex f'mumenti bħal dawn tibqa' tersaq lejh: *"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom."* (Mt 11:28)

**Talba:** O Marija, inti wkoll m'intix aljena għat-toqol tal-ħajja. Nistħajlu fik il-qtugħ ta' qalb meta ltqajtu ma' tant lukandi ffullati li ma fetħulkomx il-bibien qabel it-twelid ta' Ġesù. Illum nitolbuk takkumpanjana meta l-opportunitajiet tal-ħajja ma jiftħulniex il-bibien li nixtieqa. Ħeġġiġna biex nipperseveraw fil-fidi tagħna f'Alla.

(*Missierna, Sliema u Glorja.*)

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# VII ĠESÙ JILTAQA' MAN-NISA TA' ĠERUSALEMM



Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk,
**għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Vanġelu skont San Luqa**
*Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom.*

**Riflessjoni:** F'dan il-mument li fih Ġesù jiltaqa' ma' xi ammiraturi tiegħu li bkew l-uġigħ tiegħu, Ġesù jistedinna ndawru l-ħarsa tagħna lejn l-uġigħ li qegħdin inġarrbu fina u f'dawk ta' madwarna. Ilkoll nafu b'ħafna uġigħ fis-soċjetajiet tagħna: każijiet t'abbuż, vjolenza, inġustizzja, vizzji, solitudni, u ħafna oħrajn. Quddiem din ix-xorta ta' sofferenza, nilmħu lil Ġesù fil-proxxmu tagħna?

**Talba:** O Marija, inti sa mill-bidu tal-Knisja, kont ta' Omm għal ħafna nies li fittxew ir-refuġju tagħhom fik. Għallimna nixbhuk f'dan l-attribut li nkunu ta' widen u ta' spalla ma' dawk kollha li jfittxu xi forma ta' refuġju fina.

(*Missierna, Sliema u Glorja.*)
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**



# VIII ĠESÙ MEGĦJUN MIĊ-ĊIRINEW

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Vanġelu skont San Mark**
*Kien għaddej wieħed, Xmun minn Ċireni, missier Xandru u Rufu, ġej lura mir-raba', u ġagħluh jerfagħlu s-salib.*

**Riflessjoni:** Ġesù b'mod mill-iktar umli jaċċetta l-għajnuna ta' Xmun. Ilkoll nafu kemm hi esperjenza li tumiljana li nfittxu l-għajnuna meta niġu fil-bżonn. Id-dipendenza fuq ħaddieħor ma togħġobniex. Imma wkoll nafu, kemm persuni huma dipendenti mill-għajnuna tagħna: pesuni morda, persuni waħedhom, anzjani, persuni b'diżabilita, u ħafna oħrajn. Għajnuna mhijiex biss flus. Fuq kollox hija ħin. Kemm qed inkun parteċipi biex bħal Xmun, nerfa' biċċa mis-salib ta' Ġesù biex nimxi pass (żgħir kemm hu żgħir) mal-proxxmu tiegħi?

**Talba:** O Marija, nitolbuk tressaq lejn Ġesù Ibnek lil ħafna nies li huma dipendenti mill-għajnuna ta' ħaddieħor. Nitolbuk għall-fejqan, mhux biss fiżiku u emottiv, imma għall-providenza ta' nies li jakkumpanjawhom u jħarsu lejhom b'dinjità ta' umani. Nitolbuk ukoll tressaq lejn Ġesù lill-ħaddiema kollha fil-qasam tas-saħħa u soċjali, u l-voluntiera kollha biex f'ħuthom jagħrfu lil Ġesù u jħabirku biex jagħtu l-aħjar tagħhom f'xogħolhom.

(*Missierna, Sliema u Glorja.*)

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# IX ĠESÙ MNEŻŻA' MINN ĦWEJĠU

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Vanġelu skont San Mark**
*Is-suldati qasmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti ħalli kull wieħed jieħu li jmissu.*

**Riflessjoni:** Ġesù mneżża' minn kull dinjità qabel ma jkun mislub ma' biċċa għuda minn siġra. Il-Ġenesi jfakkarna meta Adam u Eva wara d-dnub tagħhom, marru jinħbew wara s-siġar għax intebħu li kienu għera. Id-dnub jisirqilna d-dinjità. Fuq il-Golgota, Ġesù minkejja li mingħajr dnub, jieħu fuqu l-konsegwenzi tad-dnub. Fl-għera tiegħu, jixtieq ilibbisna mill-ġdid bid-dinjità ta' umani permezz tas-salib, l-ikbar sinjal ta' maħfra għalina.

**Talba:** O Marija, l-'iva' tiegħek lil Alla, fissret ukoll 'le' għal ħafna affarijiet oħra. Għallimna biex fl-'iva' tagħna, nixbhuk f'li ngħidu 'le' għal dawk l-affarijiet kollha li jistgħu jbegħduna mill-initimità tagħna m'Alla, biex fih nibqgħu nagħrfu d-dinjità tagħna bħala umani maħbuba, ulied Alla l-Missier.

*(Missierna, Sliema u Glorja.)*

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# X ĠESÙ MSAMMAR FUQ IS-SALIB



Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk,
**għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Vanġelu skont San Mattew**
*Meta waslu f'post jgħidulu Golgota, jiġifi eri post il-Qorriegħa, [lil Ġesù] tawh jixrob inbid b'taħlita morra; hu daqu, imma ma riedx jixorbu. Imbagħad sallbuh.*

**Riflessjoni:** Il-kurċifiss rajnieh tant li forsi kultant drajnieh. Imma meta nfakkru lilna nfusna li dak li hu msallab hu dak li f'ħajtu m'għamel xejn għajr ġid, nagħrfu kemm is-salib hu simbolu ta' inġustizzja umana: tbatija ta' bniedem li ġie kkundannat intortament. Imma meta nagħraf li dak li qed jiġri fuq dik l-għuda hu proprju minħabba fina lkoll, għat-tpattija ta' dnubietna, nagħrfu li dan il-mument huwa iktar minn sempliċiment inġustizzja. Fuq kollox huwa att ta' mħabba minn Alla li jagħmel minn kollox biex jerġa' jħabbibna miegħu.

**Talba:** O Marija, żgur li din ix-xena tas-salib ma kinitx waħda mixtieqa. Minjaf kemm emozzjonijiet ġarrabt! U minjaf x'għadek iġġarrab meta tara l-indifferenza tagħna quddiem dan l-att ta' mħabba. Nitolbuk, Marija, biex ninsabu fejn ninsabu, tgħinna nagħrfu li grazzi għal dan is-salib aħrax, m'aħna qatt 'il bogħod biex nerġgħu nitħabbu ma' dak l-iktar li jħobbna.

(*Missierna, Sliema u Glorja.*)
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# XI ĠESÙ JMUT FUQ IS-SALIB



Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Vanġelu skont San Mark**
*Xħin saret is-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa. U fi d-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi: "Eloî, Eloî, lema sabaqtani!", li jfi sser: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni!". U mar wieħed jiġri jxappap sponża bl-inbid qares, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob, fi lwaqt li qal: "Stennew, ħa naraw jiġix Elija jniżżlu!". Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu.*

**Riflessjoni:** L-iben t'Alla jmut. Tinstema' kontradittorja u ċertament tħawwadna. U tibqa' tħawwadna jekk quddiem dawn ix-xeni makabri ma nilbsux il-viżjoni tal-imħabba. L-imħabba din hi: il-mewt għal dak li jien f'għotja lil ħaddieħor. Ma tfittixx dak li hu tagħha, imma tingħata b'mod liberu u b'mod sħiħ. Jien kif inħobb? Bi pretensjoni għax se nirċievi lura? Jew b'libertà, anke jekk naf li mħabbti mhux se tkun reċiprokata?

**Talba:** O Marija, niġu quddiemek bil-mod ta' kif nafu nħobbu aħna. Mhumiex il-mod perfetti għax t'umani li aħna, nibqgħu infittxu xi tip ta' risposta lura u nibżgħu li nweġġgħu tul it-triq. Madankollu, niġu quddiemek bix-xewqa li nixbhu lill-Ibnek: li fil-mumenti tal-prova, inħobbu bis-serjetà. Għallimna nħobbu bħalu: b'mod liberu, b'mod sħiħ.

(*Missierna, Sliema u Glorja.*)

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# XII ĠESÙ MEJJET IMQIEGĦED FUQ OMMU



Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk,
**għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Vanġelu skont San Luqa**
*Xmun qal lil ommu Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh, u inti wkoll, sejf jinfi dlek ruħek! Biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fi l-qlub ta' ħafna".*

**Riflessjoni:** Kemm-il darba smajna li wieħed mill-ikbar uġigħat huwa meta xi ġenitur iġarrab il-mewt tal-wild tiegħu/tagħha. Dan kien dak li ġarrbet Marija. F'dal-mument tirċievi l-ġisem tant fraġli ta' Ġesù. L-istess bħalma darba rċiviet il-ġisem tant fraġli tiegħu biex tħaddnu magħha ta' tarbija. Issa differenti. Mill-ikbar ferħ għall-ikbar dulur. Kienu x'kienu l-emozzjonijiet, fehmet x'fehmet, Marija ta' omm tajba li kienet, baqgħet hemm ma' binha sal-aħħar mumenti. Jien, quddiem l-emozzjonijiet tiegħi, huma x'inhuma, kemm qed nagħżel li nibqa' ma' Ġesù?

**Talba:** O Marija, grazzi! Grazzi tal-eżempju li dejjem kont fil-konsistenza tal-imħabba tiegħek. Għallimna nixbhuk biex quddiem is-sofferenzi li ngħaddu minnhom aħna, nibqgħu leali fl-imħabba tagħna lejn Ġesù. Tħalliniex infittxuh biss meta jaqblilna biex niġu kkunslati. Għinna biex nibqgħu nġeddu l-'iva' tagħna fit-tajjeb u fil-ħażin, fil-mard u fis-saħħa.

(*Missierna, Sliema u Glorja.*)

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

# XIII ĠESÙ MIDFUN F'QABAR ĠDID

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk, **għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Vanġelu skont San Luqa**
*Ġużeppi minn Arimatija… daħal quddiem Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù. Pilatu stagħġeb li kien ġa miet; bagħat għaċ-ċenturjun u staqsieh jekk kienx ilu li miet. Meta mbagħad sar jaf mingħand iċ-ċenturjun, ta l-ġisem ta' Ġesù lil Ġużeppi, u dan xtara liżar tal-għażel, niżżel lil Ġesù mis-salib, keffnu fi l-liżar tal-għażel, u qiegħdu f'qabar imħaffer fil-blat; imbagħad gerbeb ġebla fi d-daħla tal-qabar.*

**Riflessjoni:** Forsi ħafna jikkunsidrawh żejjed dan l-istazzjoni tad-difna għax huwa stadju awtomatiku ma' xi ħadd li jkun għadu kif miet. Hi tentazzjoni li nippruvaw ngħaġġlu l-proċess u nerġgħu nidħlu lura għall-ordinarju. Imma f'mumenti bħal dawn, l-ordinarju ma jiġix lura. Jekk qatt attendejna xi difna, ilkoll nafu kemm emozzjonijiet jitqanqlu. F'dal-mument niftakru f'dawn ħutna li m'għadhomx magħna: familjari, ħbieb, żgħażagħ li setgħu kienu magħna f'dal-mumenti iżda sfaw vittmi ta' xi marda, xi inċident jew suwiċidju. Ħu mument biex tiftakar f'uħud minn dawn u offrihom lil Ġesù.

**Talba:** O Marija, kun int l-għajnuna tagħna quddiem ir-realtajiet tal-firda u bħalma int qarribt il-bżonnijiet ta' ħutek lejn Ġesù, ħeġġiġna biex aħna wkoll inqarrbu l-bżonnijiet ta' dawk li darba kienu fostna lejn Ġesù: l-unika sors ta' salvazzjoni tagħhom u tagħna.

(*Missierna, Sliema u Glorja.*)

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**



# XIV ĠESÙ REBBIEĦ FUQ IL-MEWT

Nadurawk, O Ġesù, u nberkuk,
**għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

**Qari mill-Vanġelu skont San Mark**
*Meta għadda s-Sibt, Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu u Salomi xtraw xi fwejjaħ biex imorru jidilkuh bihom. U kmieni ħafna fl -ewwel jum tal-ġimgħa, kif telgħet ix-xemx marru ħdejn il-qabar. U bdew jgħidu lil xulxin: "Min ser igerbilna l-ġebla mid-daħla tal-qabar?". Iżda meta ħarsu, raw li l-ġebla kienet imressqa fi l-ġenb; kienet ġebla kbira ħafna. Daħlu fi l-qabar, u raw żagħżugħ bilqiegħda n-naħa tal-lemin, liebes libsa bajda; u nħasdu. Imma hu qalilhom: "Xejn la tinħasdu. Qegħdin tfittxu lil Ġesù ta' Nazaret li kien imsallab; qam mill-mewt, mhuwiex hawn".*

**Riflessjoni:** Din il-ġrajja ta' tant tama tħeġġiġna ngħannqu s-slaleb tagħna: mhux biex insawtu lilna nfusna, imma għax nagħrfu li s-salib tagħna hu dejjem temporanju. Is-sofferenza, il-vizzji, l-uġigħ, id-dnub, m'għandhomx l-aħħar kelma, imma huma biss bidu ta' xi ħaġa ħafna ikbar. Għax qabel is-salib tagħna ġie salib ieħor li ma rebaħx. Imma rebħet il-ħajja. "Kieku Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-fidi tagħna" (1Kor15:14).

**Talba:** O Marija, quddiem il-ferħ ta' din il-ġrajja li seħħet tassew, ħabbibna miegħek f'li nkunu ħolqien tal-Għid: li nkunu fejn inkunu u ma' min inkunu, niżirgħu u nfittxu t-tama u l-ħajja.

*(Missierna, Sliema u Glorja.)*
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.
**Mulej ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**



San Ġorġ Preca

L-IBEN T'ALLA SAR BNIEDEM
U GĦAMILNA ĦUTU,
U R-RABTA TAL-IMĦABBA
GĦAMLITNA ĦAĠA WAĦDA
MIEGĦU.